32006D0768

11.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 312/45

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Novembru 2006

## li temenda d-Deċiżjoni 2003/583/KE dwar l-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi li rċieva l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għall-operazzjonijiet magħmula fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, taħt it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt EDF

(2006/768/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern tat-12 ta' Settembru 2000 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat f'Cotonu (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra*-Komunitarji li tapplika għalihom ir-Raba' Parti tat-Trattat KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni imfassla bi ftehim mal-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2003/583/KE ([3]) tindika li l-ammont globali ta' l-allokazzjoni addizzjonali jkun disponibbli għal perjodu ta' erba' snin mid-data tal-ftuħ tal-kont.

(2) Id-Deċiżjoni 2005/446/KE ([4]) tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2005, tiffissa l-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi tad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) fil-31 ta' Diċembru 2007.

(3) Fid-dawl tad-dewmien fil-preparamenti għall-proċess elettorali kellha tiġi prolongata t-tranżizzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi addizzjonali msemmija fid-Deċiżjoni 2003/583/KE kellha tiġi estiża.

(4) Għalhekk, l-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi addizzjonali previsti fid-Deċiżjoni 2003/583/KE għandha tiġi allinjata ma' l-iskadenza prevista fid-Deċiżjoni 2005/446/KE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tielet sentenza ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/583/KE hija b'dan sostitwita bit-test li ġej:

"L-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi depożitati f'dan il-kont għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2007 konformement mad-Deċiżjoni 2005/446/KE. Mat-tlestija ta' l-operazzjonijiet kollha finanzjati mill-allokazzjoni, il-kont bankarju jingħalaq u kwalunkwe parti li tibqa' mill-fondi għandha tingħata lura lill-Istati Membri. Il-kont jingħalaq mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011."

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4).
([2]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
([3]) ĠU L 198, 6.8.2003, p. 9.
([4]) ĠU L 156, 18.6.2005, p. 19.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. HEINÄLUOMA